# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 68

Il-Ħamis 24 t'Awwissu 2023

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Ħamis 24 t'Awwissu 2023 fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

68.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet personali. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-apoloġija.

### 68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

68.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 67 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

68.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

68.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 68.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

68.3.1 Is-Sindku ressaq proposta quddiem il-membri preżenti sabiex il-Kunsill jagħti s-sehem tiegħu fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-komunita' tax-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

68.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill irid jinnomina żagħżugħ mill-lokalita' sabiex dan jattendi għas-seduta parlamentari taż-żagħżagħ. Huwa talab lill-membri sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom.

68.3.3 Is-Sindku ppropona sabiex tiġi organizzata ħarġa bit-trackless train lill-anzjani nhar id-19 ta' Settembru 2023 li ser tiġi inkluża fl-attivitajiet marbuta mal-European Mobility Week 2023. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

## 68.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

68.4.1 Il-Kunsillier, Juliet Attard staqsiet dwar il-problema ta' vetturi li qed jgħaddu *wrong way* minn Triq 12 ta' Diċembru 1957 u minn Triq San Pawl fil-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex jiġu nfurmati l-Pulizija tal-Komunita' dwar dan filwaqt li fil-bidu ta' Triq San Pawl tiġi nstalata tabella żgħira tal-*one way*.

## 68.5 Proġetti fil-Lokalita';

68.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ottjena l-permessi neċessarji sabiex jiġi mibdul ir-*railing* tal-ħadid ta' Triq San Xmun fix-Xlendi. Is-sejħa għall-offerti għal dan ix-xogħol ġiet konkluża u l-Kunsill mistenni jiltaqa' mal-kuntrattur fuq il-post fil-jiem li ġejjin kif ukoll sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt.

68.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill ikkonkluda l-proċess tas-sejħa għall-offerti għall-provvediment ta' dwal dekorattiv ġdid fi Triq San Xmun u Triq il-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi. Il-Kunsill mistenni jiltaqa' mal-kuntrattur fil-jiem li ġejjin sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt. Rigward l-installazzjoni tagħhom, il-Kunsill ser ikun qed jiġbor xi kwotazzjonijiet.

68.5.3 Is-Sindku nforma lill-membri li s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' tisbieħ tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka ġiet ippubblikata filwaqt li l-applikazzjoni għall-fondi mal-Awtorita' tal-Ippjanar ġiet sottomess wkoll.

## 68.6 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

68.6.1 Aġġudikazzjoni sejħa għall-offerti:
MXR/05/2022 - *Tender for the emptying of waste bins from smart waste depots in Xagħra and Xlendi using low emission trucks.*
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-offerti miftuħa nhar il-15 ta' Diċembru 2022. Kien hemm offerent wieħed:
Koperattiva Għawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd - €57,496.27
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport tal-bord tal-evalwazzjoni. Il-bord irrakkomanda li din l-offerta tingħata lil dan l-offerent li kien

konformi mar-rekwiżiti. Il-membri tal-Kunsill laqgħu r-rakkommandazzjoni tal-bord u r-rapport ġie approvat.

68.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-membri ittra mill-iskrivana tal-Kunsill dwar *increment* fin-*notch* tal-iskala 15 għal notch 7 li tidħol fis-seħħ mas-salarju tax-xahar ta' Settembru 2023 'il quddiem skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani). Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

68.6.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand BirdLife Malta bi proposta sabiex tiġi nstallata tabella informattiva fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Il-membri tal-Kunsill ma sabu l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm il-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

68.6.4 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn se jkun qed jospita' 10 żgħażagħ u superviżur adulta mill-Ukrajna. Il-Kunsill Reġjonali qed jitlob l-assistenza tal-Kunsilli Lokali għal din l-inizjattiva umanitarja biex dawn iż-żgħażagħ iserrħu moħħhom mit-tensjoni tal-gwerra li qed jgħixu fiha. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex il-Kunsill Lokali Il-Munxar jospita' lil dan il-grupp nhar is-7 ta' Settembru mit-3.00pm 'il quddiem fejn inżuru flimkien postijiet ta' interess madwar il-lokalita'.

68.6.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-awtorita ta' ġestjoni tal-fondi Ewropej marbuta mal-proġett ta' restawr tat-torri tax-Xlendi fejn qed japprova t-talba tal-estensjoni tal-proġett sal-aħħar ta' Settembru 2023 sabiex il-Kunsill jilħaq jissottometti d-dokumenti kollha rikjesti skont l-aħħar tibdiliet proposti u approvati. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.6 Il-Kunsill irċieva konferma u kopja tal-avviż tal-Gazzetta tal-Gvern dwar it-tismija ta' żewġ toroq fil-Munxar "Triq in-Nawfraġju" u "Triq Karmena Said". Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil sabiex jiġu nstallati t-tabelli fit-toroq.

68.6.7 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat għall-Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex dwar l-attivitajiet tal-Milied 2023 f'Għawdex. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti l-proposta tiegħu.

68.6.8 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand HSBC Malta plc b'talba għat-tiġdid tal-kera tal-ATM fi Pjazza Anfori fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex din il-kera tiġġedded għal sena oħra bl-istess kundizzjonijiet.

68.6.9 Il-Kunsill irċieva l-ftehim ta' aċċettazzjoni għall-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali "The World CleanUp Campaign 2023" liema attività ser issir fil-lokalita' nhar il-15 ta' Settembru 2023 skont id-dettalji tal-applikazzjoni. Kien hemm qbil mill-membri sabiex jinħareġ avviż u jitqassam fid-djar.

68.6.10 Il-Kunsill irċieva d-dokumentazzjoni sabiex japplika għal *EPOS machine* għall-użu ta' pagamenti elettroniċi mill-pubbliku fl-uffiċċju tal-Kunsill skont ir-rakkomandazzjonijiet tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u dawn id-dokumenti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

68.6.11 Applikazzjonijiet għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- *Esplora Gozo Outreach Activity* – Xatt ix-Xlendi – 2 ta' Settembru 2023;
- Attivita' Soċjali – Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 9 ta' Settembru 2023;
- Attivita' għat-tfal – Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar – 16 ta' Settembru 2023;
- Attivita' għat-tfal – Xatt ix-Xlendi – 22 ta' Settembru 2023;
- Attivita' Soċjali – Triq il-Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 23 ta' Settembru 2023.
- Attivita' Soċjali "Tberik tal-Annimali" – Pjazza tal-Knisja u Triq Madonna tal-Karmnu, Il-Munxar – 24 ta' Settembru 2023.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet tal-Kunsill u l-Pulizija ma jsibu l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill se jkun qed jikkontribwixxi f'dawn l-attivitajiet.

68.6.12 Il-Kunsill irċieva talba għal *no objection* biex il-Knisja tax-Xlendi torganizza l-attivitajiet marbuta mal-Festa 2023 tal-Madonna tal-Karmnu inkluż il-ġostra tradizzjonali, l-*watersports* kif ukoll il-ħruq ta' logħob tan-nar. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm ikun hemm l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti u tiġi mħarsa s-saħħa u s-sigurta' tal-pubbliku u ta' dawk involuti.

68.6.13 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand "Freelance Production & Creative Direction" sabiex jingħata permess għal ġbid ta' film ta' *music video* fil-viċinanzi tat-torri tax-Xlendi. Kien hemm talba mill-membri għal aktar informazzjoni.

68.6.14 Ċirkulari Nru SPI/TW/6/2023 – Approvazzjoni Ministerjali sabiex Kunsill Lokali jipproċedi b'Ġemellaġġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.15 Ċirkulari DLG numru 14/2023 – Tindif tal-*Storm Water Culverts*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.16 Ċirkulari DLG numru 15/2023 – Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja aktar kmieni fil-komunikazzjoni tas-Sindku.

68.6.17 Ċirkulari DLG numru 16/2023 – Europride 2023 Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.18 Ċirkulari Nru AKL 2023/072 – Festi u Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Reġjonali u Lokali fl-Ibliet u l-Irħula sal-aħħar ta' Diċembru 2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.19 Ċirkulari Nru AKL 2023/073 – Notifika fuq ġbir tal-iskart fuq il-mezzi soċjali: Fil-15 t'Awwissu, nhar Santa Marija, ser tinġabar il-borża s-sewda bħas-soltu. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.20 Ċirkulari Nru AKL 2023/074 – LCA & IDEA Academy – Benefit from 30% Sponsorship. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.21 Ċirkulari Nru AKL 2023/075 – Laqgħa: Skemi ta' parkeġġi residenzjali fil-lokalitajiet - Għawdex 01/09/2023, Malta 04/09/2023. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.22 Ċirkulari Nru AKL 2023/076 – Il-kuntratt tal-għalf tal-ħamiem. Il-Kunsill innota l-kontenut.

68.6.23 Ilment 36/2023
Minħabba każ li għaddej fil-Qorti t'Għawdex, resident qed jitlob sabiex tinbidel il-plakka bl-isem tat-triq "Triq il-Madonna tal-Karmnu" fix-Xlendi għall-isem kif inhu miktub fir-reġistru elettorali "Trejqet il-Madonna tal-Karmnu". Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

68.6.24 Ilment 37/2023
Resident jitlob sabiex issir bankina ġdida fi Triq il-Kappar fix-Xlendi. Kien hemm qbil mill-membri sabiex tiġi sottomessa talba fis-sistema tal-Ministeru Għal Għawdex.

68.6.25 Ilment 38/2023
Residenta titlob sabiex jitneħħa *double yellow line* li kien sar temporanjament quddiem *boundary wall* ta' sit ta' kostruzzjoni. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan peress li issa s-sit inbena.

68.6.26 Ilment 39/2023
Talba sabiex terġa' tinżebagħ iż-*zebra crossing* quddiem Ġnien il-Professur Ġuże Aquilina fil-Munxar. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

68.6.27 Ilment 40/2023
Resident jitlob sabiex terġa' tiġi nstallata tabella quddiem Andar Residence sabiex jinħareġ l-iskart biss skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Kien hemm qbil dwar dan mill-membri.

68.6.28 Ilment 41/2023
Resident jitlob sabiex jerġgħu jinżebgħu d-*double yellow lines* li kien hemm fi Triq Puniċi fix-Xlendi quddiem il-garaxxijiet, liema sinjali issa ġew koperti x'ħin saret bankina ġdida. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

68.6.29 Ilment 42/2023
Resident ġentilment jitlob sabiex terġa' ssir *sleeping police* fi Triq Marziena fil-Munxar. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex issir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill u ma' Transport Malta fuq l-aħjar opzjonijiet relatati ma' *traffic calming measures*.

## 68.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

68.7.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 68/2023-8 għall-perjodu bejn it-28 ta' Lulju 2023 u l-24 t'Awwissu 2023 li tammonta għal €99,394.90 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Joseph Cauchi is-sekondant.

## 68.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

68.8.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 28 ta' Settembru 2023 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 28 ta' Settembru 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |